# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tas-16 -il laqgħa tat-Tieni Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016, fil-5.30 p.m.

| | Il-Membri |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Dott. Francesca Zarb |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Lino Camilleri |
| | Is-Sur Anthony Gatt (Assenti Skużat) |
| | Is-Sinjura Helen Montebello |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech (Assenta skużata) |
| **<u>L-Uffiċċjal</u>** | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Neil Spiteri |

Għas-sittax -il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv kienu preżenti ċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb, is-Sur Lino Camilleri u s-Sinjura Helen Montebello. Is-Sur Anthony Gatt kien assent skużat.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm preżenza tal-pubbliku.

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet billi ċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb qalet it-talba.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 15**

   Il-minuti tal-15-il laqgħa tqassmu ma' l-aġenda u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijet biċ-*Chairperson* Dott. Francesca Zarb pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Is-Sinjura Helen Montebello ssekondat u l-minuti ġew approvati u ffirmati.

3. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.**

Rigward l-iskola ta' Santa Venera, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem mal-Prinċipal is-Sur Victor Agius u dan qallu illi t-tkabbir ta' l-iskola issa huwa uffiċċjali u sa massimu ta' sentejn oħra l-iskola se tkun tista' tilqa' fi ħdanha numru ferm akbar ta' studenti. Iċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb talbet lis-Segretarju sabiex jagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex inżuru l-iskola.

4. **Analiżi Finanzjarja**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għamel analiżi żgħira ta' kif qed tintefaq l-allokazzjoni ta' Fleur de Lys. Prattikament hu qal illi l-allokazzjoni kollha tintefaq fuq spejjeż kuntrattwali u amministrattivi. Is-sitwazzjoni se tibqa' tkun sorveljata ħalli jekk hemm xi fondi mhux utilizzati jiġu użati. Madankollu s-Segetarju qal illi hu ma joqgħodx jaħsibha darbtejn biex jagħmel xogħlijiet fejn hemm bżonn fosthom fi Fleur de Lys jew is-Swatar.

Mistoqsi mis-Sur Lino Camilleri kif tinħadem l-allokazzjoni, is-Segretarju qal li din tinħadem fuq statistika tal-gvern ċentrali eż fuq *soft areas* Fleur De Lys għandhom aktar flus mis-Swatar għax hemm *playing field* mentri fis-Swatar ma hemmx.

Is-Segretarju Eżekuttiv kien mistoqsi jekk fuq Fleur de Lys l-allokazzjoni żdiditx mis-sena 2015 għat-2016. Huwa ħa jagħti risposta fil-laqgħa li jmiss.

5. **Matters Arising**

Is-Sur Lino Camilleri qal li hemm bżonn isiru *bollards* madwar il-Bieb ta' Fleur de Lys. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn se jsiru u ġa huma ordnati.

Is-Sinjura Helen Montebello reġgħet semmiet problemi ta' traffiku madwar l-iskola ta' Brigella u fi Triq l-Ewwel ta' Mejju. Is-Segretarju se jassenja lil xi ħadd mill-istaff tiegħu biex jiddiskuti din il-problema ma' Transport Malta.

Iċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb semmiet il-ħtieġa ta' *patching* f'għadd ta' toroq. Ġie miftiehem illi idealment dan isir fis-Sajf speċjalment ħdejn l-iskola.

6. **Aġġornament**

Il-laqgħa spiccat fis-6.15 p.m u ġiet aġġornata *sine die.*

Dott. Francesca Zarb
Chairperson

Neil Spiteri
Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv